# Bord Li Jirregola l-Kera
## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Ġuramentat Nru. 98/2022 LC**

**Malta Hospitality Ltd**
**(C-52088)**

**VS**

**Dr Godfrey Gauci Maistre**
**(K.I. 482740M)**

**Illum, 09 ta' Novembru 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ġuramentat datat it-02 ta' Frar 2022, fejn is-soċjetà rikorrenti talbet lil dan il-Bord jogħġbu:-

1) Jiddeċiedi dan il-każ bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Jiddikjara l-kirja xolta u terminata;

3) Jordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmi fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilhom prefiss;

4) Jikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' għaxart' elef, disa' mija u ħamsin Ewro (€10,950) rappreżentanti sebat' elef

disgħa mija u ħamsin Ewro (€7,950) arretrati ta' kera u l-kumplament penali ta' tlett'elef Ewro (€3000);

5) Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi mid-data tal-ittra uffiċjali datata 44/2022 kontra l-intimat li minn issa stess qiegħed jiġi nġunt għas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Albert sive Robby Borg annessa mar-rikors promotur;

Ra illi l-intimat ġie debitament notifkat bl-atti *de quo* bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni ai temini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema notifika seħħet fil-28 ta' Settembru 2022;

Ra illi minkejja d-debita notifika tiegħu, l-intimat la daħħal nota u lanqas deher għas-seduta tal-lum sabiex jikkontensta l-proċedimenti;

Sema' x-xhieda ta' tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Albert sive Robby Borg li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammonti għadhom dovuti sal-ġurnata tal-lum;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti;

Ra l-Artikolu 16A(5)(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-andament tal-proċedura magħżula mir-rikorrenti għall-każ *de quo*;

Ikkonsidra,

Illi r-retroxxena tal-każ odjern, kif tirriżulta mill-provi preżentati quddiem dan il-Bord hija illi permezz tal-kuntratt lokatizzju datat it-28 ta' Ġunju 2019, is-soċjetà rikorrenti kkonċediet il-garage *de quo* lill-intimat versu għall-perjodu ta' tmintax-il xahar, liema perjodu skada fl-14 ta' Jannar 2021, u dan versu l-kundizzjonijiet hemm elenkati. Illi din il-kirja baqgħet tiġi rennovata taċiament wara li skadiet u

dan ai termini tal-istess kuntratt b'dan illi, però, l-intimat ma kienx qed iħallas il-kera miftiehma.

Illi permezz tal-Ittra Uffiċjali datata s-7 ta' Jannar 2022 (Ittra Nru 44/22), is-soċjetà rikorrenti tat il-konġedo lill-intimat u minkejja dan, hu baqa' jiddetjeni l-fond. Illi di più, fil-klawsola numru 2 tal-imsemmi kuntratt, fl-eventwalità li l-intimat ma jirritornax il-garage de quo, huwa jeħel penali ta' €3,000.

Ikkonsidrat;

Illi skont ma jirriżulta mix-xhieda prodotta, l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €7,950 bħala arretrati ta' kera, liema arretrati baqgħu pendenti sal-ġurnata tal-lum, kif ukoll tas-somma ta' €3,000 bħala penali ai termini tal-istess kuntratt lokatizzju.
Ikkonsidra;

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 16A(5) tal-imsemmi kap jistipola, *inter alia,* li jekk l-intimat jonqos milli jidher meta jinstema' r-rikors ġuramentat il-Bord għandu minnufih jgħaddi biex jagħti sentenza, fejn jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Għalhekk, bil-fatt biss li l-intimat naqas milli jidher għas-seduta tal-lum, il-Bord huwa sodisfatt li għandu jgħaddi sabiex jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Illi di più, mill-provi prodotti u mix-xhieda mogħtija, il-Bord huwa sodisfatt li s-soċjetà rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha u għaldaqstant, m'hemm ebda raġuni sabiex il-Bord ma jilqax it-talbiet kollha attriċi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-kawża preżenti billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, u konsegwentement:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddeċiedi l-każ odjern bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara l-kirja xolta u terminata;

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond, ossija garage numru 20, St. Francis Street, San Ġwann, u jipprefiġġi terminu ta' tletin (30) jum mid-data tal-lum għall-imsemmi żgumbrament;

4. Jilqa' r-raba' talba u jordna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' €10,950, rappreżentanti s-somma ta' €7,950 bħala arretrati ta' kera u s-somma ta' €3,000 bħala penali kif riżultanti mill-istess kuntratt ta' kera, u dan bl-imgħax legali mid-data tat-13 ta' Jannar 2022.

Bl-ispejjez tal-preżenti, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali datata s-7 ta' Jannar 2022 (Ittra Nru 44/2022) a karigu esklussiv tal-intimat.

Ft.Dr Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**